



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 23 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)**

**2020/0363 (COD)  
LEX 2049**

**PE-CONS 66/1/20  
REV 1**

**UK 124  
PREP-BXT 62  
AVIATION 241  
CODEC 1329**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR REGOLI KOMUNI  
LI JIŻGURAW KONNETTIVITÀ BAŻIKA FIT-TRASPORT BL-AJRU WARA TMIEM IL-  
PERIJODU TA' TRANŻIZZJONI PREVIST FIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT  
TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-  
KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠJA ATOMIKA**

**REGOLAMENT (UE) 2020/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Diċembru 2020**

**dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika fit-trasport bl-ajru wara tmiem  
il-perijodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ  
tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea  
u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2020

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>1</sup> (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Il-perijodu ta' tranżizzjoni previst fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-"perijodu ta' tranżizzjoni"), li matulu l-liġi tal-Unjoni tkompli tapplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-Renju Unit) f'konformità mal-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Fil-25 ta' Frar 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/266<sup>3</sup> li awtorizzat il-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit għal ftehim ta' sħubija ġdid. Kif jimplikaw id-direttivi ta' negozjati, l-awtorizzazzjoni tkopri, *inter alia*, l-elementi meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod komprensiv ir-relazzjoni mar-Renju Unit dwar l-avjazzjoni wara tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, mhuwiex ċert jekk ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju Unit li jirregola r-relazzjoni futura tagħhom f'dan il-qasam ikunx daħal fis-seħħ sa tmiem dak il-perijodu.

---

<sup>1</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/266 tal-25 ta' Frar 2020 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim ta' sħubija ġdid (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 53).

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jistipula l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-liċenzja operattiva tal-Unjoni lit-trasportaturi tal-ajru u jistabbilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-ajru intra-UE.
- (3) Fi tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni u fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni speċjali, id-drittijiet u l-obbligi kollha li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-aċċess għas-suq kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 se jintemmu, sa fejn tkun ikkonċernata r-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri.
- (4) Għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit sett temporanju ta' miżuri li jippermettu lit-trasportaturi b'liċenzja fir-Renju Unit jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru bejn it-territorju tar-Renju Unit u t-territorju tal-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat ekwilibriju kif suppost bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri, jenħtieġ li d-drittijiet li jingħataw ikunu kundizzjonali fuq l-għoti ta' drittijiet ekwivalenti mir-Renju Unit lit-trasportaturi tal-ajru b'liċenzja fl-Unjoni u jkunu soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet li jiżguraw kompetizzjoni ġusta.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

- (5) Il-kriżi li tirriżulta mill-pandemija tal-COVID-19 timponi sfidi loġistiċi sinifikanti għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità li jittrasportaw volumi sinifikanti ta' mediċini, vaċċini u tagħmir mediku lil u minn pajjiżi terzi fi żmien qasir u f'kundizzjonijiet ta' ħżin u loġistiċi partikolarment diffiċli. Jenntieg li jiġi żgurat li kapaċità suffiċjenti ta' trasport bl-ajru tkun magħmula disponibbli u li tiġi pprovduta flessibilità eċċezzjonali addizzjonali lill-Istati Membri għal dak il-għan, inkluż il-possibbiltà li jiddependu fuq inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi. Elementi addizzjonali ta' drittijiet tat-traffiku "fifth freedom" biss fuq trasport tal-merkanzija li jkunu strettament limitati għal dik it-tip ta' operazzjoni fuq bażi ad hoc jenntieg għalhekk li jingħataw sabiex ikun jista' jsir użu minn trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit f'tali ċirkostanzi eċċezzjonali. L-Istati Membri jenntieg ukoll li jkunu jistgħu jawtorizzaw drittijiet addizzjonali għall-forniment ta' servizzi ta' ambulanza tal-ajru.
- (6) Sabiex tiġi riflessa n-natura temporanja tiegħu, jenntieg li dan ir-Regolament japplika sat-30 ta' Ġunju 2021, jew sa meta jidħol fis-seħħ jew, fejn stipulat, sa meta jiġi applikat b'mod proviżorju ftehim futur li jkopri l-forniment ta' servizzi tal-ajru mar-Renju Unit li l-Unjoni tkun parti għalih, u li jkun ġie nnegozjat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), skont liema jiġi l-ewwel.
- (7) Sabiex jinżammu livelli ta' konnettività li jkunu ta' benefiċċju reċiproku, jenntieg li jiġu previsti ċerti arranġamenti kooperattivi ta' kummerċjalizzazzjoni kemm għat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit kif ukoll għat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' reċiproċità.

- (8) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u uniċi li jeħtieġu l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u skont it-Trattati, huwa xieraq li l-Unjoni teżerċita b'mod temporanju l-kompetenza kondiviża rilevanti mogħtija lilha mit-Trattati. Madankollu, kwalunkwe effett ta' dan ir-Regolament dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jkun strettament limitat fiż-żmien. Il-kompetenza eżerċitata mill-Unjoni jenħtieġ li għaldaqstant tkun eżerċitata biss b'rispett għall-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'hekk, il-kompetenza kondiviża hekk eżerċitata se tieqaf tkun eżerċitata mill-Unjoni hekk kif dan ir-Regolament jieqaf japplika. Skont l-Artikolu 2(2) tat-TFUE, l-Istati Membri, għalhekk, sa minn dak il-mument, se jkunu fl-istess pożizzjoni fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom bħal ma kienu jkunu jekk ir-Regolament ma kienx għie adottat. Barra minn hekk, ta' min ifakkar li, kif stabbilit fil-Protokoll Nru 25 dwar l-eżerċizzju ta' kompetenzi kondiviżi anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU) u t-TFUE, l-ambitu tal-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni f'dan ir-Regolament ikopri biss dawk l-elementi regolati minn dan ir-Regolament u ma jkoprix il-qasam kollu. Il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali fil-qasam tat-trasport bl-ajru għandhom jiġu determinati skont it-Trattati u jqisu l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/266 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit.

- (9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jimpedixxix lill-Istati Membri milli joħorġu awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim tas-servizzi tal-ajru skedati minn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilhom mir-Renju Unit, bħal f'sitwazzjonijiet li jseħħu fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali. Fir-rigward ta' dawk l-awtorizzazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jiddiskriminawx bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.
- (10) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri biex jiġi ggarantit livell ġust ta' reċiproċità bejn id-drittijiet mogħtija b'mod unilaterali mill-Unjoni u mir-Renju Unit lit-trasportaturi tal-ajru ta' xulxin, u biex jiġi żgurat li t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jkunu jistgħu jikkompetu mat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit b'kundizzjonijiet ġusti fil-provvista ta' servizzi tal-ajru. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Minħabba l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-konnettività fit-trasport bl-ajru tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' dawk il-miżuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih fejn, f'każijiet debitament ġustifikati, dawn ikunu meħtieġa għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza. Tali każijiet debitament ġustifikati jistgħu jirrelataw għal sitwazzjonijiet fejn ir-Renju Unit jonqos milli jagħti drittijiet ekwivalenti lit-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u b'hekk jikkawża żbilanċ evidenti, jew fejn kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inqas favorevoli minn dawk li jgawdu minnhom it-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit fil-provvista tas-servizzi tat-trasport bl-ajru koperti minn dan ir-Regolament jheddu l-vijabbiltà ekonomika tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (11) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi miżuri proviżorji li jirregolaw it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni u r-Renju Unit f'każ ta' nuqqas ta' ftehim li jirregola r-relazzjoni futura tagħhom fil-qasam tal-avjazzjoni fi tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni, ma jkunx jista' jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.
- (12) Minħabba l-urġenza li tirriżulta mit-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni, ġie kkunsidrat xieraq li tingħata eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-TUE, it-TFUE u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (13) Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan ir-Regolament u kull referenza fih għar-Renju Unit ma jinkludux lil Ġibiltà.
- (14) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni legali tar-Renju ta' Spanja fir-rigward tas-sovranià fuq it-territorju li fih jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà.

- (15) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jidħlu fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplikaw, fil-prinċipju, mill-jum wara tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni sakemm sa dik id-data ma jkunx daħal fis-seħħ, jew skont il-każ, ikun japplika b'mod proviżorju, ftehim li jirregola r-relazzjoni futura bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fil-qasam tal-avjazzjoni. Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jsiru l-proċeduri amministrattivi meħtieġa minn kmieni kemm jista' jkun, jenħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

### *Kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sett temporanju ta' miżuri li jirregolaw it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni u r-Renju Unit wara li jintemm il-perijodu ta' tranżizzjoni previst fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

## *Artikolu 2*

### *Eżerċizzju tal-kompetenza*

1. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun limitat għall-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif definit fl-Artikolu 15(4). Wara t-tmiem ta' dak il-perijodu, l-Unjoni għandha tieqaf minnufih milli teżerċita dik il-kompetenza skont dan ir-Regolament, u l-Istati Membri għandhom ikunu fl-istess pożizzjoni fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom skont l-Artikolu 2(2) tat-TFUE bħal ma kienu jkunu jekk ir-Regolament ma kienx ġie adottat.
2. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku fi kwalunkwe negozjati, kemm attwali kif ukoll futuri, iffirmar, jew konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali relatati mas-servizzi tal-ajru ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor, u mar-Renju Unit, fir-rigward tal-perijodu wara li dan ir-Regolament ma jibqax japplika.

3. L-eżerċizzju tal-kompetenza mill-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 jkopri biss l-elementi regolati minn dan ir-Regolament.
4. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-qasam tat-trasport bl-ajru fir-rigward ta' elementi li mhumiex daww regolati minn dan ir-Regolament. Huwa wkoll mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/266 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit għal ftehim ġdid ta' sħubija.

### *Artikolu 3*

#### *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “trasport bl-ajru” tfisser it-trasport b'ingeni tal-ajru ta' passiġġieri, ta' bagalji, ta' merkanzija u ta' posta, b'mod separat jew flimkien, offrut lill-pubbliku għal remunerazzjoni jew għall-kiri, inklużi s-servizzi bl-ajru skedati jew mhux skedati;
- (2) “trasport internazzjonali bl-ajru” tfisser it-trasport bl-ajru li jgħaddi mill-ispazju tal-ajru fuq it-territorju ta' iktar minn Stat wieħed;
- (3) “trasportatur tal-ajru tal-Unjoni” tfisser trasportatur tal-ajru b'liċenzja operattiva valida mogħtija minn awtorità kompetenti għall-għoti tal-liċenzji skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

- (4) “trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit” tfisser trasportatur tal-ajru:
- (a) li jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fir-Renju Unit; u
  - (b) li jissodisfa waħda miż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
    - (i) ir-Renju Unit u/jew ċittadini tar-Renju Unit ikunu s-sidien ta’ iktar minn 50 % tal-impriża u jkollhom il-kontroll effettiv tagħha, b’mod dirett jew indirett, permezz ta’ impriża intermedjarja waħda jew iktar; jew
    - (ii) l-Istati Membri tal-Unjoni u/jew ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni u/jew Stati Membri oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea u/jew ċittadini ta’ tali Stati, fi kwalunkwe kombinament, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk flimkien mar-Renju Unit u/jew ma’ ċittadini tar-Renju Unit, ikunu s-sidien ta’ iktar minn 50 % tal-impriża u jkollhom il-kontroll effettiv tagħha, b’mod dirett jew indirett, permezz ta’ impriża intermedjarja waħda jew iktar;
  - (c) fil-każ imsemmi fil-punt (b)(ii), li kellu liċenzja operattiva valida skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 fil-jum qabel l-ewwel jum ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(2);

- (5) “kontroll effettiv” tfisser relazzjoni kostitwita permezz ta’ drittijiet, kuntratti jew kwalunkwe mezz ieħor li, jew separatament jew b’mod konġunt u filwaqt li jitqiesu l-konsiderazzjonijiet ta’ fatt jew liġi involuta, jagħtu l-possibbiltà li tiġi eżerċitata, b’mod dirett jew indirett, influwenza deċiżiva fuq xi impriża, b’mod partikolari permezz:
- (a) tad-dritt li jintużaw l-assi kollha ta’ impriża jew parti minnhom;
  - (b) ta’ drittijiet jew kuntratti li jagħtu influwenza deċiżiva lill-kompożizzjoni, lill-votazzjoni jew lid-deċiżjonijiet tal-korpi ta’ impriża jew b’mod ieħor ikollhom influwenza deċiżiva fuq it-tmexxija tan-negozju tal-impriża;
- (6) “liġi tal-kompetizzjoni” tfisser il-liġi li tindirizza l-imġiba li ġejja, fejn jaf taffettwa s-servizzi tat-trasport bl-ajru:
- (a) l-imġiba li tikkonsisti minn:
    - (i) ftehimiet bejn trasportaturi tal-ajru, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta’ trasportaturi tal-ajru u prattiki miftiehma li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni;
    - (ii) abbużi li jsiru minn trasportatur tal-ajru wieħed jew iktar ta’ pożizzjoni dominanti;
    - (iii) miżuri meħuda jew miżmuma fis-seħħ mir-Renju Unit fil-każ ta’ impriżi pubbliċi u impriżi li lilhom ir-Renju Unit jagħti drittijiet speċjali jew esklużivi u li jmorru kontra l-punt (i) jew (ii);

- (b) konċentrazzjonijiet bejn trasportaturi tal-ajru li jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew tat-tiżiħ ta' pożizzjoni dominanti;
- (7) “sussidju” tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lil trasportatur tal-ajru jew lil ajruport mill-gvern jew minn kwalunkwe korp pubbliku ieħor fi kwalunkwe livell, li tagħti benefiċċju, u li tinkludi:
- (a) it-trasferiment dirett ta' fondi, bħal għotjiet, self jew infużjoni ta' ekwità, it-trasferiment dirett potenzjali ta' fondi, jew l-assunzjoni ta' obligazzjonijiet, bħal garanziji għal self, l-injezzjonijiet ta' kapital, is-sjeda, il-protezzjoni kontra l-falliment, jew l-assigurazzjoni;
  - (b) ir-rinunzja jew in-nuqqas ta' għbir tad-dħul li kieku jkun dovut;
  - (c) il-forniment ta' merkanzija jew ta' servizzi għajr l-infrastruttura ġenerali, jew ix-xiri ta' merkanzija jew ta' servizzi;
  - (d) it-twettiq ta' pagamenti f'mekkaniżmu ta' finanzjament jew l-għoti tal-inkarigu jew ta' direzzjoni lil korp privat biex iwettaq xi funzjoni jew iktar mill-funzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) li normalment ikunu r-responsabbiltà tal-gvern jew ta' korp pubbliku ieħor u l-prattika fl-ebda sens reali ma tvarja minn prattiki li normalment jiġu segwiti mill-gvernijiet;

L-ebda benefiċċju ma jitqies li jingħata minn kontribuzzjoni finanzjarja li ssir minn gvern jew minn korp pubbliku ieħor li kieku operatur tas-suq privat xprunat unikament minn prospetti li jwasslulu profitt, fl-istess sitwazzjoni bħall-korp pubbliku inkwistjoni, kellu jagħmel l-istess kontribuzzjoni finanzjarja;

- (8) “awtorità tal-kompetizzjoni indipendenti” tfisser awtorità li tkun responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, kif ukoll għall-kontroll tas-sussidji, u li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-awtorità tkun operattivament indipendenti u tkun mgħammra b’mod xieraq bir-riżorsi meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha;
  - (b) fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha u fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha, l-awtorità jkollha l-garanziji meħtieġa ta’ indipendenza minn influwenza politika jew minn influwenza esterna oħra u taġixxi b’mod imparzjali; u
  - (c) id-deċiżjonijiet tal-awtorità jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju;
- (9) “diskriminazzjoni” tfisser divrenzjar ta’ kwalunkwe tip mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva fir-rigward tal-provvista ta’ oġġetti u ta’ servizzi, inklużi servizzi pubbliċi, fir-rigward tal-operat tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, jew fir-rigward tat-trattament tagħhom minn awtoritajiet pubbliċi rilevanti għal tali servizzi;

- (10) “servizz tat-trasport bl-ajru skedat” tfisser sensiela ta’ titjiriet li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
- (a) fuq kull titjira jkunu disponibbli postijiet u/jew kapaċità tat-trasport tal-merkanzija u/jew tal-posta għal xiri individwali mill-pubbliku (kemm jekk direttament mit-trasportatur tal-ajru kif ukoll jekk mill-aġenti awtorizzati tiegħu);
  - (b) l-operat tiegħu jkun jaqdi t-traffiku bejn l-istess żewġ ajruporti jew iktar, jew:
    - (i) skont skeda ppubblikata; jew
    - (ii) b’titjiriet li tant ikunu regolari jew frekwenti li jikkostitwixxu sensiela sistematika rikonoxxibbli;
- (11) “servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat” tfisser servizz kummerċjali tat-trasport bl-ajru li jitwettaq għajr bħala servizz tal-ajru skedat;
- (12) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorju fuq l-art, l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-TUE u t-TFUE u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f’dawk it-Trattati, u l-ispazju tal-ajru fuqhom;
- (13) “territorju tar-Renju Unit” tfisser it-territorju fuq l-art, l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali tar-Renju Unit u l-ispazju tal-ajru fuqhom;
- (14) “Konvenzjoni ta’ Chicago” tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata f’Chicago fis-7 ta’ Diċembru 1944.

*Artikolu 4*  
*Drittijiet tat-traffiku*

1. It-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jistgħu:
  - (a) itiru fuq it-territorju tal-Unjoni mingħajr ma jinżlu l-art;
  - (b) jagħmlu waqfiet fit-territorju tal-Unjoni għal finijiet mhux tat-traffiku, skont it-tifsira tal-Konvenzjoni ta' Chicago;
  - (c) iwettqu servizzi internazzjonali tat-trasport bl-ajru skedati u mhux skedati għal passiġġieri, għal kombinament ta' passiġġieri u merkanzija u servizzi biss ta' trasport tal-merkanzija bejn kwalunkwe żewġ postijiet, fejn wieħed minnhom ikun jinsab fit-territorju tar-Renju Unit u l-ieħor ikun jinsab fit-territorju tal-Unjoni.
  
2. L-Istati Membri la għandhom jinneozjaw u lanqas jidħlu fi kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali mar-Renju Unit fir-rigward ta' kwistjonijiet li huma parti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-perijodu li matulu japplika dan ir-Regolament. Fir-rigward ta' dak il-perijodu, huma lanqas ma għandhom jagħtu lil trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit, b'rabta mat-trasport bl-ajru, ebda drittijiet għajr dawk mogħtija minn dan ir-Regolament.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, fuq bażi ad hoc u skont il-liġi nazzjonali tagħhom, il-forniment tas-servizzi li ġejjin fit-territorju tagħhom minn trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit:
- (a) servizzi tal-ambulanza tal-ajru;
  - (b) servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat u biss ta' trasport tal-merkanzija bejn punti fit-territorju tagħhom u punti f'pajjiż terz bħala parti minn servizz b'oriġini jew destinazzjoni fir-Renju Unit safejn neċessarju għat-trasport ta' tagħmir mediku, vaċċini u mediċini sakemm ma jikkostitwixxu forma mohlja ta' servizzi tal-ajru skedati.

### *Artikolu 5*

#### *Arranġamenti kooperattivi ta' kummerċjalizzazzjoni*

1. Jistgħu jingħataw servizzi tat-trasport bl-ajru skont l-Artikolu 4 permezz ta' arranġamenti ta' spazju magħluq jew arranġamenti ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, kif ġej:
- (a) it-trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit jista' jaġixxi bħala t-trasportatur ta' kummerċjalizzazzjoni, ma' kwalunkwe trasportatur operattiv li jkun trasportatur tal-ajru tal-Unjoni jew trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit, jew ma' kwalunkwe trasportatur operattiv ta' pajjiż terz li, skont il-liġi tal-Unjoni jew, kif applikabbli, skont il-liġi tal-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati, igawdi mid-drittijiet tat-traffiku meħtieġa kif ukoll mid-dritt għat-trasportaturi tiegħu li jeżerċitaw dawk id-drittijiet permezz tal-arranġament inkwistjoni.

(b) it-trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit jista' jaġixxi bħala t-trasportatur operattiv, ma' kwalunkwe trasportatur ta' kummerċjalizzazzjoni li jkun trasportatur tal-ajru tal-Unjoni jew trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit, jew ma' kwalunkwe trasportatur ta' kummerċjalizzazzjoni ta' pajjiż terz li, skont il-liġi tal-Unjoni jew, kif applikabbli, skont il-liġi tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati, igawdi mid-drittijiet meħtieġa għar-rotot kif ukoll mid-dritt għat-trasportaturi tiegħu li jeżerċitaw dawk id-drittijiet permezz tal-arranġament inkwistjoni.

2. Id-drittijiet mogħtija lit-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit skont il-paragrafu 1 fl-ebda każ ma għandhom jiġu interpretati b' mod li jagħtu lit-trasportaturi tal-ajru ta' pajjiż terz kwalunkwe dritt ieħor għajr dawk li jgawdu minnhom skont il-liġi tal-Unjoni jew skont il-liġi tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati.
3. L-użu ta' arranġamenti ta' spazju magħluq jew ta' arranġamenti ta' kondiviżjoni ta' kodiċi, kemm jekk bħala trasportatur operattiv kif ukoll bħala trasportatur ta' kummerċjalizzazzjoni, fl-ebda każ ma għandu jippermetti lil trasportatur bl-ajru tar-Renju Unit jeżerċita drittijiet oħra għajr dawk previsti fl-Artikolu 4(1).

Madankollu, l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jiġi applikat b'tali mod li jipprevjeni lit-trasportaturi tar-Renju Unit milli jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru bejn kwalunkwe żewġ postijiet fejn wieħed minnhom ikun jinsab fit-territorju tal-Unjoni u l-ieħor ikun jinsab f'pajjiż terz, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit qiegħed jaġixxi bħala t-trasportatur ta' kummerċjalizzazzjoni skont arranġament ta' spazju magħluq jew arranġament ta' kondiviżjoni ta' kodiċi bi trasportatur operattiv li jibbenefika, skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati, mid-drittijiet tat-traffiku meħtieġa kif ukoll mid-dritt li jeżerċita dawk id-drittijiet permezz tal-arranġament inkwistjoni;
- (b) is-servizz tat-trasport bl-ajru inkwistjoni jkun parti minn trasport minn dak it-trasportatur tar-Renju Unit bejn post fit-territorju tar-Renju Unit u l-post rilevanti fit-territorju tal-pajjiż terz ikkonċernat.

4. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrikjedu li l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1 jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u mar-rekwiżiti applikabbli fil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza u s-sigurtà.

## *Artikolu 6*

### *Kiri tal-inġenji tal-ajru*

1. Fl-eżerċizzju tad-drittijiet previsti fl-Artikolu 4(1), trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit jista' jipprova servizzi tat-trasport bl-ajru bl-inġenji tal-ajru tiegħu stess u fil-każijiet li ġejjin kollha:
  - (a) bl-użu ta' inġenji tal-ajru mikrija mingħajr ekwipaġġ mingħand kwalunkwe lokatur;
  - (b) bl-użu ta' inġenji tal-ajru mikrija b'ekwipaġġ mingħand kwalunkwe trasportatur tal-ajru ieħor tar-Renju Unit;
  - (c) bl-użu ta' inġenji tal-ajru mikrija b'ekwipaġġ minn trasportaturi tal-ajru ta' kwalunkwe pajjiż ieħor għajr ir-Renju Unit, dment li l-kiri jkun ġustifikat fuq il-bażi ta' ħtiġijiet eċċezzjonali, ħtiġijiet ta' kapaċità staġonali jew diffikultajiet operazzjonali tal-lokatarju u li l-kiri ma jeċċedix id-durata li tkun strettament meħtieġa biex jiġu ssodisfati dawk il-ħtiġijiet jew jingħelbu dawk id-diffikultajiet.
2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrikjedu li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fih u mar-rekwiżiti applikabbli fil-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza u s-sigurtà.

*Artikolu 7*  
*Ekwivalenza tad-drittijiet*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja d-drittijiet mogħtija mir-Renju Unit lit-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tagħhom.
2. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li d-drittijiet mogħtija mir-Renju Unit lit-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni mhumiex *de jure* jew *de facto*, ekwivalenti għal dawk mogħtija lit-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit skont dan ir-Regolament, jew li dawk id-drittijiet mhumiex disponibbli b'mod ugwali għat-trasportaturi kollha tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien u sabiex tirrestawra l-ekwivalenza, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex:
  - (a) tistabilixxi limiti għall-kapaċità permessa għas-servizzi tat-trasport bl-ajru skedati li jkunu disponibbli għat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit u tesiġi li l-Istati Membri jadattaw l-awtorizzazzjonijiet operattivi tat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit, kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk mogħtija ġodda, skont kif ikun meħtieġ;
  - (b) teżiġi li l-Istati Membri jirrifjutaw, jissospendu jew jirrevokaw dawn l-awtorizzazzjonijiet operattivi; jew
  - (c) timponi obbligi finanzjarji jew restrizzjonijiet operazzjonali.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2). Għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 14(3) fejn, f'każijiet debitament ġustifikati ta' nuqqas serju ta' ekwivalenza għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

### *Artikolu 8*

#### *Kompetizzjoni ġusta*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-kundizzjonijiet skont liema t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u l-ajruporti tal-Unjoni jikkompetu mat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit u l-ajruporti tar-Renju Unit għall-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru koperti minn dan ir-Regolament.
2. Fejn hija tiddetermina li, bħala riżultat ta' xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, dawk il-kundizzjonijiet huma ferm inqas favorevoli minn dawk li jgawdu minnhom it-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien u sabiex tirrorimedja dik is-sitwazzjoni, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex:
  - (a) tistabbilixxi limiti għall-kapaċità permessa għas-servizzi tat-trasport bl-ajru skedati li jkunu disponibbli għat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit u tesiġi li l-Istati Membri jadattaw l-awtorizzazzjonijiet operattivi tat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit, kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk mogħtija ġodda, skont kif ikun meħtieġ;
  - (b) teżiġi li l-Istati Membri jirrifjutaw, jissospendu jew jirrevokaw dawn l-awtorizzazzjonijiet operattivi għal uħud mit-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit jew għalihom kollha; jew

(c) timponi obbligi finanzjarji jew restrizzjonijiet operazzjonali.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2). Għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 14(3) fejn, f'każijiet debitament ġustifikati li fihom tkun mhedda l-vijabbiltà ekonomika ta' operazzjoni waħda jew aktar tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

3. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandhom, soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati f'dak il-paragrafu, jiġu adottati biex jiġu rimedjati s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għoti ta' sussidji mir-Renju Unit;

(b) in-nuqqas, mir-Renju Unit, li jkollu fis-seħħ, jew li japplika b'mod effettiv, liġi tal-kompetizzjoni;

(c) in-nuqqas, mir-Renju Unit, li jistabbilixxi jew iżomm awtorità indipendenti tal-kompetizzjoni;

- (d) l-applikazzjoni mir-Renju Unit ta' standards tal-protezzjoni tal-ħaddiema, tas-sikurezza, tas-sigurtà, tal-ambjent, jew tad-drittijiet tal-passiġġieri, li jkunu inferjuri għal dawk stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet rilevanti fil-liġi tal-Unjoni, ikunu inferjuri għal dawk applikati mill-Istati Membri kollha jew li, fi kwalunkwe każ, ikunu inferjuri għall-istandards internazzjonali rilevanti;
- (e) kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.
4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, minn trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit jew minn ajruporti tar-Renju Unit. Fejn l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, it-trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit jew l-ajruport tar-Renju Unit ma jipprovdux l-informazzjoni mitluba fiż-żmien raġonevoli preskritt mill-Kummissjoni, jew jipprovdu informazzjoni mhux kompluta, il-Kummissjoni tista' tipproċedi skont il-paragrafu 2.
5. Ir-Regolament (KE) Nru 2019/712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> ma għandux japplika għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 (ĠU L 123, 10.5.2019, p. 4).

## *Artikolu 9*

### *Awtorizzazzjoni operattiva*

1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni, sabiex jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom skont l-Artikolu 4, it-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit għandhom ikunu meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni operattiva minn kull Stat Membru li fih jixtiequ joperaw.
2. Mar-riċezzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni operattiva mingħand trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħti l-awtorizzazzjoni operattiva xierqa mingħajr dewmien bla bżonn, dment li:
  - (a) it-trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit li japplika jkollu liċenzja operattiva valida skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit; u
  - (b) ikun qed jiġi eżerċitat u jinżamm kontroll regolatorju effettiv mir-Renju Unit fuq it-trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit li japplika, l-awtorità kompetenti tkun identifikata b'mod ċar u t-trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit ikollu ċertifikat ta' operatur tal-ajru mogħti mingħand dik l-awtorità.

3. Mingħajr preġudizzju għall-hteġa li jingħata biżżejjed żmien għat-twettiq tal-valutazzjonijiet meħtieġa, it-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit għandhom ikunu intitolati jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal awtorizzazzjonijiet operattivi mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li japprovaw dawk l-applikazzjonijiet minn dak il-jum, dment li jiġu sodisfati l-kundizzjonijiet għal tali approvazzjoni. Madankollu, kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata b'dan il-mod għandha ssir effettiva mhux qabel l-ewwel jum ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(2).

### *Artikolu 10*

#### *Pjanijiet, programmi u skedi operazzjonali*

1. It-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit għandhom jippreżentaw pjanijiet, programmi u skedi operazzjonali għas-servizzi tal-ajru lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat, għall-approvazzjoni tagħhom. Kull preżentazzjoni ta' dan it-tip għandha ssir minn tal-inqas 30 jum qabel il-bidu tal-operat. Preżentazzjonijiet rigward il-forniment ta' servizzi tal-ajru li se jseħħu f'Jannar 2021 għandhom isiru fid-data l-aktar bikrija qabel il-bidu tal-operazzjonijiet.
2. Soġġett għall-Artikolu 9, il-pjanijiet, il-programmi u l-iskedi operazzjonali għall-istaġun tal-IATA li jkun għaddej fl-ewwel jum ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(2), u dawk għall-ewwel staġun ta' wara jistgħu jiġu ppreżentati u approvati qabel dik id-data.

3. Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli joħorġu awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim tas-servizzi tal-ajru skedati minn trasportaturi tal-Unjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilhom mir-Renju Unit. Fir-rigward ta' daww l-awtorizzazzjonijiet, l-Istati Membri ma għandhomx jiddiskriminaw bejn it-trasportaturi tal-Unjoni.

### *Artikolu 11*

#### *Rifjut, revoka, sospensjoni u limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw, jew skont il-każ, jirrevokaw jew jissospendu l-awtorizzazzjoni operattiva ta' trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit meta:
- (a) it-trasportatur tal-ajru ma jikkwalifikax bħala trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit skont dan ir-Regolament; jew
  - (b) ma jkunx hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(2).
2. L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw, jirrevokaw, jissospendu, jillimitaw jew jimponu kundizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjoni operattiva ta' trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit, jew jillimitaw jew jimponu kundizzjonijiet fuq l-operat tiegħu fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
- (a) ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti applikabbli tas-sikurezza u tas-sigurtà;
  - (b) ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti applikabbli relatati mal-ammissjoni u mal-operat fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, jew mat-tluq mit-territorju tiegħu, ta' inġenji tal-ajru użati għat-trasport bl-ajru;

(c) ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti applikabbli relatati mal-ammissjoni u mal-operat fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, jew mat-tluq mit-territorju tiegħu, ta' passiġġieri, ta' ekwipaġġ, ta' bagalji, ta' merkanzija, u/jew ta' posta fuq inġenji tal-ajru (inklużi regolamenti relatati mad-dħul, l-awtorizzazzjoni, l-immigrazzjoni, il-passaporti, id-dwana u l-kwarantina, jew fil-każ tal-posta, regolamenti dwar il-posta).

3. L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw, jirrevokaw, jissospendu, jillimitaw jew jimponu kundizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjonijiet operattivi tat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit, jew jillimitaw jew jimponu kundizzjonijiet fuq l-operat tagħhom, fejn dawn ikunu meħtieġa jagħmlu hekk mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 7 jew 8.
4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bi kwalunkwe deċiżjoni li jirrifjutaw jew jirrevokaw l-awtorizzazzjoni operattiva ta' trasportatur tal-ajru tar-Renju Unit skont il-paragrafi 1 u 2, mingħajr dewmien bla bżonn.

*Artikolu 12*  
*Ċertifikati u liċenzji*

Iċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà, iċ-ċertifikati tal-kompetenza u l-liċenzji maħruġa jew validati mir-Renju Unit u li jkunu għadhom fis-seħħ għandhom jiġu rikonoxxuti bħala validi mill-Istati Membri għall-fini tal-operat tas-servizzi tat-trasport bl-ajru mit-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit skont dan ir-Regolament, dment li tali ċertifikati jew liċenzji jkunu nħarġu jew ġew validati skont l-istandards internazzjonali rilevanti stabbiliti skont il-Konvenzjoni ta' Chicago u f'konformità magħhom.

*Artikolu 13*  
*Konsultazzjoni u kooperazzjoni*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit skont kif ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
2. Jekk jiġu mitluba jagħmlu dan, l-Istati Membri, mingħajr dewmien bla bżonn, għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni miksuba skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 7 u 8.

*Artikolu 14*  
*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

*Artikolu 15*  
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Huwa għandu japplika mill-jum wara dak li fih il-liġi tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit skont l-Artikoli 126 u 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Madankollu, l-Artikoli 9(3) u 10(2) għandhom japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk sad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ikun laħaq daħal fis-seħħ, jew skont il-każ, ikun japplika b'mod proviżorju, ftehim li jirregola b'mod komprensiv il-forniment tat-trasport bl-ajru mar-Renju Unit, li l-Unjoni tkun parti minnu.
4. Dan ir-Regolament ma għandux jibqa' japplika mid-data li tiġi l-ewwel miż-żewġ dati li ġejjin:
  - (a) it-30 ta' Ġunju 2021;
  - (b) id-data li fiha jidħol fis-seħħ ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 3, jew, skont il-każ, id-data li minnha jiġi applikat b'mod proviżorju.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*